REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/516

tas-26 ta' Ottubru 2021

li jemenda l-Anness IV tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 708/2007 dwar l-użu ta' speċi aljeni u li ma jinstabux lokalment fl-akkwakultura

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 708/2007 ([1]) tal-11 ta' Ġunju 2007 dwar l-użu ta' speċi aljeni u li ma jinstabux lokalment fl-akkwakultura, u b'mod partikolari l-Artikolu 24(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 708/2007 jistabbilixxi qafas li jirregola l-prattiki fl-akkwakultura fir-rigward ta' speċijiet aljeni u li ma jinstabux lokalment sabiex jiġi evalwat u mnaqqas kemm jista' jkun l-impatt possibbli tagħhom u ta' kwalunkwe speċi assoċjata mhux fil-mira fuq il-ħabitats akkwatiċi.

(2) L-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 708/2007 jelenka l-ispeċijiet li spiss intużaw fl-akkwakultura għal żmien twil f'ċerti partijiet tal-Unjoni u b'hekk jibbenefikaw minn trattament differenzjali li jiffaċilita l-iżvilupp tagħhom mingħajr ebda piż amministrattiv addizzjonali, kif previst fl-Artikolu 2(5) ta' dak ir-Regolament.

(3) L-Istati Membri jistgħu jitolbu lill-Kummissjoni biex iżżid speċijiet fl-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 708/2007 f'konformità mal-Artikolu 24(4) tar-Regolament (KE) Nru 708/2007. Ir-regoli dettaljati dwar il-kundizzjonijiet meħtieġa biex jiżdiedu l-ispeċijiet fl-Anness IV huma speċifikati fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 535/2008 ([2]).

(4) Il-Greċja talbet li tiżdied l-ispeċi Paġella ħamra, magħrufa wkoll bħala l-Pagru tal-Ġappun (*Pagrus major*) fl-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 708/2007, skont ir-regoli dettaljati tar-Regolament (KE) Nru 535/2008, u b'mod partikolari l-Artikolu 3 tiegħu. Studju ppreżentat mat-talba kkonkluda li din l-ispeċi ilha tintuża fl-akkwakultura Griega għal żmien twil mingħajr ebda effett avvers. Wara l-valutazzjoni ta' din it-talba, il-Kummissjoni kkonkludiet li t-talba hija ġġustifikata u sostanzjata bl-informazzjoni kollha meħtieġa.

(5) L-emenda għall-Anness IV b'segwitu għat-talba mill-Greċja tipprovdi opportunità biex isiru aġġustamenti fit-terminoloġija użata fl-Anness. L-isem bil-Latin tal-isturjun Russu (*Acipenser gueldenstaedtii*) ġie miktub ħażin u għandu jiġi sostitwit bl-isem korrett. L-aġġornament tal-isem bil-Latin tal-Karpjun ta' rasu kbira minn *Aristichthys nobilis* għal *Hypophthalmichthys nobilis* huwa wkoll opportun.

(6) Għal raġunijiet ta' ċarezza, nota f'qiegħ il-paġna miżjuda mal-Anness IV tispjega li l-ibridi tal-ispeċijiet elenkati f'dan l-anness ma jibbenefikawx awtomatikament mit-trattament differenzjali pprovdut lill-ispeċijiet elenkati. Sabiex wieħed jibbenefika minn dak it-trattament, għandha tiġi segwita l-proċedura taż-żieda ta' speċijiet fl-anness.

(7) Għalhekk, jenħtieġ li l-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 708/2007 jiġi emendat skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 708/2007 huwa emendat kif ġej:

(1) Fil-Parti A – Ġenerali, tiżdied l-ispeċi li ġejja: *Pagrus major,* Paġella ħamra, magħrufa wkoll bħala l-Pagru tal-Ġappun.

([1]) ĠU L 168, 28.6.2007, p. 1.

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 535/2008 tat-13 ta' Ġunju 2008 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 708/2007 dwar l-użu ta' speċijiet aljeni u li ma jinstabux lokalment fl-akkwakultura (ĠU L 156, 14.6.2008, p. 6).

(2) L-isem bil-Latin tal-ispeċi *Acipenser gueldenstaeti* huwa sostitwit b'*Acipenser gueldenstaedtii*.

(3) L-isem bil-Latin tal-ispeċi *Aristichthys nobilis* huwa sostitwit b'*Hypophthalmichthys nobilis*.

(4) Tiżdied nota f'qiegħ il-paġna mat-titolu fl-Anness IV bit-test li ġej: "L-ibridi tal-ispeċijiet inklużi f'dan l-Anness ma għandhomx jitqiesu bħala parti minn din il-lista."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Ottubru 2021.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN